Eċċellenza,

Għan-nom ta' sħabi, nixtieq nirringrazzjak talli għoġbok tgħaddi ftit ħin magħna f'dan il-jum għażiż għalina. Illum huwa l-Jum Dinji tad-Down Syndrome, il-ġurnata tagħna.

Aħna kuntenti ħafna li darba fis-sena, madwar id-dinja kollha, kulħadd jiftakar fina. Ma nixtiequx li din il-ġurnata tkun ġurnata bħall-oħrajn u huwa għalhekk li ġejna għandek illum, biex nitkellmu miegħek dwar problema li qegħda tfixkilna.

Aħna għandna dritt għall-edukazzjoni, edukazzjoni tul ħajjitna. Nafu li l-edukazzjoni hija l-bażi ta' ħajjitna u li din twassalna biex insibu x-xogħol addattat għalina. Imma aħna għandna problema. Minħabba l-kundizzjoni tagħna, aħna għandna bżonn aktar żmien minn ħaddieħor biex nitgħallmu. Hemm bżonn ta' aktar snin ta' tagħlim professjonali wara li nispiċċaw mis-sekondarja. Dan it-tagħlim, u t-tul tiegħu, irid ikun tali li jwassalna u jippreparana għad-dinja tax-xogħol. Jekk dan iseħħ, ikun ferm faċli għalina biex bil-għajnuna tas-*Supported Employment Programme,* li l-Għaqda tagħna ħadmet ħafna għalieh, nidħlu fid-dinja tax-xogħol bl-inqas problemi.

Dan huwa dak li rridu ngħidu f'dan il-jum tagħna – aħna rridu u qegħdin nitolbu għal edukazzjoni adulta professjonali li tippreparana kif suppost għad-dinja tax-xogħol. Aħna kapaċi naħdmu u rridu naħdmu imma għandna bżonn l-għajnuna biex naslu hemm.

Grazzi Eċċellenza